MALTA

# QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 40/2013

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg gewwa c-Cina fil-31 ta' Marzu 2011, liema zwieg gie rregistrat hawn Malta fis-6 ta' Mejju 2011, u minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal; u
2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba ragunijiet u htija imputabbli lill-konvenuta intimata, senjatament minhabba vjolenza, mohqrija, sevizzi u ingurji gravi kommessi mill-

konvenuta intimata fil-konfront tal-esponenti, u in subsidium minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u
3. Illi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bejn il-partijiet ma kellhomx ezitu pozittiv, u ghalhekk l-esponenti gie kostrett li jipprocedi b'din l-istanza, u
4. Illi l-esponenti gie awtorizzat li jipprocedi gudizzjarjament permezz ta' Digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat 11 ta' Frar 2013; u

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta intimata, senjatament minhabba vjolenza, mohqrija, sevizzi u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta intimata fil-konfront tal-esponenti, u in subsidium minhabba li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment.
2. Tapplika kontra l-konvenuta intimata, interament jew in parti, d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Tiddikjara xjolta l-komunjuoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u konsegwentement tillikwida u taqsam f'zewg porzjonijiet l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u tghaddi sabiex tassenja favur kull parti mill-kontendenti s-sehem spettanti lil dik il-parti mill-assi li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.
4. Tordna lill-konvenuta intimata tikkonsenja lill-attur rikorrenti l-beni parafernali tieghu li jinsabu fil-pussess taghha.
5. Tawtorizza lill-esponenti sabiex jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza li evetwalment ser tinghata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuta intimata, ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi filwaqt li huwa minnu illi z-zwieg li dahlu fih il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u allura l-esponenti nnifisha taderixxi mat-talba ta' zewgha l-intimat illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tawtorizza lill-kontendenti jisseparaw minn ma xulxin, m'huwa minnu xejn dak li mistqarr mir-rikorrenti Louis Muscat dwar il-htija ta' min ta lok ghal din is-separazzjoni billi kien il-komportament u l-imgieba abbuziva u negattiva tar-rikorrenti mal-esponenti li tat lok ghar-ragunijiet ghaliex din il-Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni ta' bejn il-kontendenti, kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn iz-zewg partijiet jikkontendu li z-zwieg taghhom tal-31 ta' Marzu 2011[1] tkisser b'mod irrimedjabbli izda ma jaqblux dwar min ghandu jinstab hati ghal dan.

<u>Il-VERZJONI TAR-RIKORRENT</u>

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process

Permezz tal-affidavit tieghu[2] (li gie esebit bil-lingwa Ingliza), r-rikorrent jghid li ltaqa' mal-intimata madwar sentejn jew tlieta ilu f'Bugibba. L-intimata qaltlu li kienet ilha tghix Malta ghal numru ta' snin. F'dan iz-zmien ukoll, ommu kienet marida u ghalhekk, minkejja li hu u hutu kienu jmorru hdejha skond il-ftehim li kellhom, l-intimata kienet tghin. Fil-bidu tar-relazzjoni taghhom, l-intimata kienet tghix f'appartament gewwa San Pawl il-Bahar pero' wara madwar xahrejn, marret tghix mar-rikorrent. Dan tal-ahhar kien kuntent kemm bir-relazzjoni kif ukoll bil-fatt li l-intimata marret tghix mieghu. L-intimata ma kellhiex impjieg (jew ghall-anqas ma kienx jaf b'xi impjieg li seta' kellha) u kien jiehu hsieb u jhallas kollox hu. L-intimata kienet tiehu hsieb id-dar ghaliex sadanittant ommu kienet hallietna. Imbaghad fis-sena 2011 l-awtoritajiet infurmawha li kellha titlaq mill-pajjiz minhabba kwistjonijet ta' visa. Sa' dak iz-zmien il-partijiet qatt ma kienu tkellmu fuq zwieg u dan ghaliex kull ma kienu ilhom jghixu flimkien kienu sitta jew tmien xhur. Rinfaccata b'din il-problema, r-rikorrent ried jghinha anke ghaliex kien migbud lejha. Prova jirranga biex izommha hawn Malta izda kellha tirritorna lura lejn pajjizha. Il-kuntatt bejniethom baqa' u min-naha tieghu r-rikorrent ghamel dak kollu li seta' biex jipprova jerga' jgibha lura lejn Malta. Kien *attached* hafna lejn l-intimata ghaliex tul iz-zmien li ghexu flimkien, dejjem uriet rispett lejh.

Wara dan kollu, iddecieda li l-unika soluzzjoni kienet li jmur ic-Cina, jizzewwigha u b'hekk ikun jista' jgibha lura Malta bhala martu wara li jkun irregistra z-zwieg. Hekk sar. L-intimata hadet hsieb l-affarijiet min-naha tac-Cina filwaqt li r-rikorrent tela' hemmhekk ma' habib tieghu li jismu Manoel. Il-partijiet damu c-Cina ghal zmien ta' xahar fejn kienu jghixu flimkien f'appartament li gie infurmat li kien taghha. Kif gie lura, rrregistra z-zwieg tieghu biex b'hekk l-intimata tkun tista' tigi lura Malta hija wkoll. Kif waslet lura Malta ghall-habta ta' Gunju jew Lulju 2011, il-partijiet regghu bdew jghixu flimkien pero' jrid jinghad li fil-perjodu li r-rikorrent kien hawn Malta u hi gewwa c-Cina, l-

[2] Esebit a fol 32 tal-process

kuntatt ma naqasx. Ir-rikorrent kien accetta wkoll li iben l-intimata ta’ 22 sena mill-ewwel zwieg jigi hawn Malta biex jistudja l-ingliz u ovvjament il-hsieb kien li jghix maghhom. Dan il-wild wasal Malta f’Ottubru 2011. Jghid li ghalkemm gieli kellhom xi argument bejniethom, ir-relazzjoni taghhom marret ghall-aghar mal-wasla ta’ binha hawn Malta ghalkemm ma marx jghix mal-partijiet.

L-attitudni tal-intimata nbidel b’dan li saret intolleranti u aggressiva tant li kien hemm drabi fejn attakkatu. Kien hemm drabi fejn anke l-Pulizija kellhom jintervjenu. Jghid li l-argumenti kienu jkunu fil-maggor parti taghhom, relatati mal-amministrazzjoni tan-negozju tieghu li kellu minn qabel iz-zwieg u li kienet qed tghinu fih l-intimata. Riedet li zzomm il-flus li jiggenera dan in-negozju. Hu ried jissapportjaha finanzjarjament u jghin ukoll lil binha pero’ hass li kienet qed tipprova tiehu aktar milli jmissha u li kienet qed tigbed lejha zzejjed. Wara skopra li kienet qed izzomm xi flus tan-negozju minghajr ma kien jaf. Il-glied u l-argumenti tant eskalaw li darba fost l-ohrajn, anke tramite l-Pulizija, l-intimata intalbet tohrog ‘il barra mill-appartament tar-rikorrent u marret tghix ma’ binha. Dan kien f’Marzu 2012 u qatt ma regghet irritornat. Ir-rikorrent taha somma flus biex titlaq mid-dar.

Jaghlaq billi jghid li jaf li l-intimata hija finanzjarjament indipendenti u li qed tahdem u li l-appartament fejn kienu qed jghixu huwa l-proprjeta’ parafernali tieghu. Jghid li kien hu li hallas il-pagamenti mensili fuq l-istess appartament u li meta marret tghix fih l-intimata, l-appartament kien kompletament abitabbli. Ma nxtraw ebda mobbli wara li l-intimata marret tghix mar-rikorrent. Jghid ukoll li n-negozju kien *operational* qabel iz-zwieg u ghal dan il-ghan jesebixxi numru ta’ kirjiet. Jghid li fiz-zwieg ma sar l-ebda investiment relatat mal-istess negozju apparti r-*running costs* u li ghalhekk l-intimata m’ghandha ebda *claim*.

IL-VERZJONI TAL-INTIMATA

L-intimata tibda l-affidavit taghha[3] billi tghid li giet Malta fis-sena 2004 meta kienet diga' divorzjata minn ragel ta' nazzjonalita' Ciniza. Frott ta' dak iz-zwieg kien twieled tifel (illum magorenni) li jghix hawn Malta wkoll. Tghid li telqet mic-Cina minhabba l-ewwel ragel taghha u t-theddid li kien qed jaghmlilha u ghalhekk giet tghix hawn Malta. Peress li hija kwalifikata bhala *professional masseur* inghatat l-informazzjoni li ma kienx ser ikun tant difficli ghaliha li ssib impjieg hawn Malta.

Riedet li l-ewwel issib impjieg fiss imbaghad iggib lil binha hawn Malta meta tkun tista' taffordja zzommu. Sabet impjieg u kriet appartament. Fis-sena 2010, ltaqghet mar-rikorrent u tghid li ddecidew li jizzewgu. Izzid tghid ukoll li wara z-zwieg, kienu ftehmu li binha kellu jigi Malta.

L-intimata tghid li marret tghix mar-rikorrent fl-appartament tieghu. Dan l-appartament kien ir-residenza taghhom kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg. Tikkonferma li miz-zmien meta ltaqghu sa' ma sar iz-zwieg kienu ghaddew sitt xhur biss. Ir-raguni ghaliex zzewget lir-rikorrent kienet biex tkun tista' tibqa' tghix hawn Malta legalment u sabiex tkun tista' ggib lil binha hawn Malta. Hasbet li kienet ser tidra tghix mar-rikorrent. L-intimata tikkontendi li r-rikorrent kien jippretendi nofs il-paga taghha jew il-paga kollha. Hasset li ma kellhiex ghazla u ghalhekk accettat ghaliex bezghat li ser ihassar it-tieg.

IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI

Il-qorti taghmel referenza ghar-rapport li gie intavolat mir-rikorrent nhar l-4 ta' Marzu 2012[4] fejn irraporta li martu kienet qabdet issawtu u taghtih bis-sieq u stqarr ukoll li ma jiflahx iqum kull filghodu biex jigi aggredit minn martu.

---

[3] Esebit a fol 55 tal-process

[4] Esebit a fol 35 tal-process

Zied jghid ukoll li martu hedditu li kienet ser toqtlu waqt li jkun rieqed u li ppruvat taharqu bil-hadida tal-moghdija.

Dok. B[5] li juri li r-rikorrent ta s-somma ta' €5000 lill-intimata wara li inghata l-garanzija li din tal-ahhar ivvakat mid-dar matrimonjali;

Dok. C[6] li huwa kopja ta' ftehim ta' kirja datata s-27 ta' Ottubru 2010 (u konsegwentement qabel iz-zwieg tal-partijiet) bejn ir-rikorrent u Preluna Limited.

Dok. D[7] li huwa kopja tas-*sanction letter* relattiva ghall-proprjeta' tar-rikorrent datata l-25 ta' Marzu 2000 u Dok. E[8] li huwa kopja tal-kuntratt finali relattiv ghall-istess proprjeta' u ċioe' l-appartament internament immarkat bin-numru 3 formanti parti minn blokka msemmija 'Angela Flats' fi Triq it-Tamar Qawra, liema kuntratt huwa datat il-5 ta' Mejju 2000 u konsegwentement huwa datat qabel iz-zwieg ukoll.

Dok. F[9] li huwa kopja ta' kuntratt ta' kirja datata t-8 ta' Jannar 2003 bejn ir-rikorrent u terzi u li konsegwentement anke din il-kirja hija parafernali.

Dok. G[10] huwa kopja ta' kuntratt ta' akkwist relattiv ghall-garaxx bla numru u bla isem pero' mmarkat mhux ufficcjalment bin-numru 6 f'Bridge Street il-Mosta. Dan il-kuntratt huwa datat l-10 ta' Jannar 1990 u ghalhekk huwa datat qabel iz-zwieg ukoll.

<u>DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI</u>

---

[5] Esebit a fol 37 tal-process

[6] Esebit a fol 38 tal-process

[7] Esebit a fol 42 tal-process

[8] Esebit a fol 46 tal-process

[9] Esebit a fol 49 tal-process

[10] Esebit a fol 51 tal-process

Dwar l-ewwel talba, il-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"*Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment*".

Il-qorti, wara li qrat l-affidavits tal-partijiet, b'referenza specifika ghall-fatt li l-partijiet damu jghixu flimkien bhala koppja mizzewga ghal ftit tax-xhur biss, kif ukoll il-fatt li d-decizjoni li jizzewgu kienet precipitata minhabba kwistjonijiet ta' visa biss, hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u konsegwentement hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Jirrizulta lill-istess qorti li z-zwieg tkisser principalment ghaliex il-partijiet ma kienux preparati ghaz-zwieg kif ukoll ghaliex l-intimata hasbet li setghet tidra lir-rikorrent. Jirrizulta car li l-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet ma kien preparat ghal dan iz-zwieg u ghalhekk iz-zwieg tkisser ghal ragunijiet li huma imputabbli liz-zewg partijiet.

<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 KONTRA L-INTIMATA</u>

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija

imputabbli liz-zewg partijiet u ghaldaqstant ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tapplika fil-konfront tal-intimata l-artikolu hawn fuq citat. Dan qieghed jinghad ukoll in vista tal-fatt li mill-provi esebiti msemmija aktar ‘il fuq, kwalunkwe ass li ghandu r-rikorrent huwa parafernali u ghaldaqstant, l-intimata m’ghandha ebda sehem mill-istess.

DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

Il-qorti tirrileva li r-rikorrent ressaq diversi dokumenti, inkluz dwar proprjeta’ u lokazzjonijiet hekk kif deskritti aktar ‘il fuq. Mid-dati tal-istess dokumenti jirrizulta li m’hemm xejn li jirrisali ghal xi data wara z-zwieg ta’ bejn il-partijiet u konsegwentement kollox huwa proprjeta’ tal-istess rikorrent. *Stante* li l-intimata ma gabet ebda prova kontrarja ghal tali provi u *stante* wkoll li naqset milli ggib xi prova li permezz taghha turi li gew akkwistati xi assi li huma formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, l-qorti ma ssib ebda raguni ghaliex m’ghandhiex tiddikjara li proprjeta’ u l-assi hawn imsemmija huma proprjeta’ parafernali tar-rikorrenti:

1. Il-kirja datata s-27 ta’ Ottubru 2010 bejn ir-rikorrent u Preluna Limited;
2. L-appartament internament immarkat bin-numru 3 formanti parti minn blokka msemmija ‘Angela Flats’ fi Triq it-Tamar Qawra;
3. Il-kirja datata t-8 ta’ Jannar 2003 bejn ir-rikorrent u terzi;
4. Il-garaxx bla numru u bla isem pero’ mmarkat mhux ufficcjalment bin-numru 6 f’Bridge Street il-Mosta.

Il-qorti tirrileva wkoll li jirrizulta pacifiku li l-intimata ircievet is-somma ta’ €5000 minghand ir-rikorrent. Minkejja li tikkontendi li din is-somma kienet abbinata ma’ kondizzjoni fuq il-kirja tal-

hanut tal-*masseur* ma giet prezentata ebda prova li tista' turi dan. Anzi, l-fatt li l-intimata accettat tali somma ta' flus juri li kienet kuntenta bihom ghaliex li kieku verament dan kien il-ftehim bejn il-partijiet, allura jew kienet taccetta tali somma fuq il-kondizzjoni li l-kirja ddur fuqha, jew kienet ma taccettahiex qabel l-istess kirja ddur fuqha. Xejn minn dan ma sar u ghalhekk il-qorti hija propensa li temmen li l-intimata kienet kuntenta bis-somma ta' €5000 biss.

<u>DECIDE</u>

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija ugwali bejn il-partijiet;

[2] Tichad it-tieni talba;

[3] Tilqa' it-tielet talba u tiddikjara li l-proprjeta' msemmija fil-kap imsemmi 'Dwar it-Talba Ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti' hija proprjeta' parafernali tar-rikorrent b'dan li s-somma ta' €5000 li ghaddiet ghand l-intimata ghandha tinzamm minnha wkoll.

[4] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba *stante* li r-rikorrent ma gab ebda prova li l-intimata ghandha fil-pussess taghha xi oggetti jew beni parafernali tieghu;

[5]Tilqa' l-hames talba.

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------